# MALTA

## ATT Nru. V ta' l-1987

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1974 dwar l-Edukazzjoni.**

## ACT No. V of 1987

AN ACT enacted by the Parliament of Malta,

**AN ACT further to amend the Education Act, 1974.**

Naghti l-kunsens tieghi

(L.S.)

AGATHA BARBARA
President

29 ta' Jannar, 1987

# ATT Nru. V ta' l-1987

*ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1974 dwar l-Edukazzjoni.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor. Att XXXIX ta' l-1974.

**1.** Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1987 li jemenda l-Att dwar l-Edukazzjoni, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1974 dwar l-Edukazzjoni, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 39 ta' l-Att prinċipali.

**2.** Fit-test Malti tas-subartikolu (5) ta' l-artikolu 39 ta' l-Att prinċipali, minnufih wara l-kliem "bħala ħaddiema-studenti numru" għandhom jidħlu l-kliem "ta' persuni b'żieda ma' dawk l-impjegati".

Żieda ta' l-artikolu ġdid 39A ma' l-Att prinċipali.

**3.** Minnufih wara l-artikolu 39 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Preferenza li tingħata lil ħaddiema-studenti nominati.

39A. Minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att, dawk il-ħaddiema-studenti biss li jiġu nominati mill-prinċipal tagħhom u li fil-15 ta' Frar tas-sena li fiha jkollhom jiddaħħlu fl-Università jkollhom 'il fuq minn ħamsa u għoxrin sena u kienu f'impieg kontinwu u *full-time* mal-prinċipal li jkun qed jinnominhom għal żmien ta' mill-inqas sena, u fuq il-bażi ta' dawk il-ħtiġiet l-oħra, magħduda l-età u l-grad, kif jista' jiddeċiedi l-prinċipal, tingħatalhom preferenza fl-għażla mill-Bord ta' l-Għażla.".

Applikazzjoni.

**4.** Dan l-Att għandu jkun japplika għall-għażla ta' studenti sabiex jidħlu fl-Università wara l-ewwel ta' Jannar, 1987.

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 437 tat-28 ta' Jannar, 1987.

PAUL XUEREB
*Speaker*

P. MUSCAT TERRIBILE
*Aġent Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

I assent.

(L.S.)

AGATHA BARBARA
President

29th January, 1987

# ACT No. V of 1987

*An Act further to amend the Education Act, 1974.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

**1.** This Act may be cited as the Education (Amendment) Act, 1987, and shall be read and construed as one with the Education Act, 1974, hereinafter referred to as "the principal Act". Short title. Act XXXIX of 1974.

**2.** In the Maltese text of subsection (5) of section 39 of the principal Act, immediately after the words "bħala ħaddiema-studenti numru" there shall be inserted the words "ta' persuni b'żieda ma' dawk l-impjegati". Amendment of section 39 of the principal Act.

**3.** Immediately after section 39 of the principal Act there shall be added the following new section: Addition of new section 39A to the principal Act.

"Preference given to nominated worker-students.

39A. Notwithstanding any other provisions of this Act, only those worker-students who are nominated by their employer and who on the 15th of February of the year in which they are to be admitted to the University are over twenty-five years of age and have been in continuous, full-time employment with the employer nominating them for a period of at least one year, and on the basis of such other requirements, including age and grade, as the employer may determine, shall be given preference in the selection by the Selection Board.".

Application. **4.** This Act shall apply to the selection of students for entry in the University after the 1st day of January, 1987.

---

Passed by the House of Representatives at Sitting No. 437 of the 28th January, 1987.

PAUL XUEREB
*Speaker*

P. MUSCAT TERRIBILE
*Acting Clerk to the House of Representatives*

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni — Kastilja — *Published by the Department of Information — Kastilja*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*

Prezz 2c — *Price 2c*